MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2014

Numru 886/2013

Il-Pulizija
(Spett. Robert Vella)
vs
Gaetano Micallef

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta numru ta' identita' 264484m akkuzat:

1. nhar it-13 ta' Settembru 2013 ghal habta tas-6.30 ta' filghaxija gewwa residenza numru 38, maghrufa bhala 'Tonrose' u sitwata gewwa riq Zinelli, Hamrun, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, permezz ta' oggett iebes u cioe' 'mug' tal-hgieg/ceramika ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' huh Noel Micallef liema feriti ikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi part ital-gisem u kif ukoll talli gab sfregju gravi u permanenti f'wahda mill-idejn tal-offiz u dan skond ma iccertifika Dr.Mark Anthony Mifsud Biancardi (reg.no 3124) mill-Isptar Mater Dei, Msisda – dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 218 u 222 (1)(a) tal-Kap 9;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u anke fil-gimghat ta' qabel bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor u cioe' lill-ommu Rose Mary Micallef u lill-hutu Noel u Rodrick Micallef biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-prorjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi had mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna imsemmija fl-Artikolu 221(1) – dan bi ksur ta' l-Artikolu 251B tal-Kap 9;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u anka fil-gimghat ta' qabel ghamel ingurji u heddet bil-vjoljenza u bil-mewt lil ommu Rose Mary Micallef – dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi flimkien mat-theddid bil-fomm lil ommu Rose Mary Micallef ghamel ukoll ordni jew kondizzjoni – dan bi ksur tal-Artikolu 249(2) tal-Kap 9;

Il-Qorti mitluba bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' persuni offizi cioe' Mary Rose Micallef u Noel Micallef jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuni imsemmija u l-familji taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta'

vjolenza tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kap 9 u f’kaz ta’ htija biex tipprovdi ghas-segurta’ tal-persuni offizi u l-familji taghhom ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412D tal-Kap 9.
Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza mal-presentata tieghu quddiem il-Qorti li fuqha baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;
Semghet u akkoljiet t-talba tad-difiza fl-istess udjenza sabiex jsir ‘social inquiry report’ tal-imputat;
Rat u ikkonsidrat l-istess;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Din hi sentenza fuq l-iskorta ta’ l-ammissjoni tal-imputat minnu irregistrata sa mill-bidu tal-proceduri waqt li sar l-ezami skont l-Artikolu 392(1)(b) b’referenza ghall-Artikolu 329(1)(a) tal-Kap 9. Fuq talba tieghu stess tramite l-Avukat difensur tieghu l-Qorti kient ordnat li jsir ‘social inquiry report’ u ezami psikjatriku fuq l-imputat. Dawn saru u jinsabu esebiti in atti.

Intant, l-ammissjoni tal-imputat tolqot: (1) l-ferita gravi u permanenti fuq il-persuna ta’ huh Noel Micallef ; (2) l-ikkagunar ta’ biza’ bl-uzu ta’ vjolenza diretta kontra ommu Rose Mary Micallef u hutu Noel u Rodrick Micallef; (3) ta’ ingurji u theddid gravi lil ommu marbuta dawn b’ordni jew kondizzjoni.

Ghal dawn l-imputazzjonijiet l-imputat fuq ammissjoni volontarja u inkondizjnata tieghu u sostnuta f’kull stadju tal-kawza ser jigi misjub hati taghhom.

Illi dak li jemergi mill-atti hu li ghalkemm il-ferita hija gravi ‘per natura’ billi tolqot wahda mill-idejn tal-parti leza mhux necessarjament thalli sfregju jew mankament permanenti u kwindi aktar tinkwardra fi ksur tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9. Apparti dan jirrisulta minghajr ebda dubbju li l-imputat jehtieg jiehu dik il-kura li tindirizza l-problemi psikicjatri li ghandu kagun it-tossikodipendenza tieghu. L-istqarrija minnu rilaxxjata lill-pulizija hija xhieda bizzejjed fir-rigward. U ghalkemm huwa minnu li l-fedina penali tieghu tikkontejni reat wiehed, sahhansitra minuri kif rifless mill-piena inflitta,madanakollu huwa fatt li minhabba fl-aggressivita’ tieghu mhux possibbli li huwa jibqa’ jabita fid-dar ma’ ommu flimkien maz-zewg hutu l-ohra.

Ir-rapporti li tfasslu f’dan il-kaz, wiehed mis-servizzi tal-probation u l-iehor minn tabib psikjatra, mitluba mill-Qorti fiz-zewg istanzi, it-tnejn enfasizzaw fuq il-bzonn li l-imputat jinghata trattament li jindirizza l-problema tad-droga u xorb bla control.

Hasbet dwar il-piena. Hi tal-fehma li l-imputat fl-interess tieghu u tal-familjari tieghu jigi sentenzjat ghall-perjodu ta’ prigunerija b’rakkomandazzjoni li tinghata lill-imputat l-assistenza kollha, inkluz trattament anka permezz ta’ program residenzjali, sabiex jehles mill-vizzi li hakmuh. Ghal dan il-fini ikun rakkomandabbli li l-imputat ikollu s-supervizjoni ta’ ufficjal tal-probation.

Rat l-Artikolu 216(1)(b), 251(b), 339(1)(e), 249(2) u 17(b) tal-Kap 9 u tikkundannah komplessivament sentejn prigunerija.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------